

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti 2023 — EAC/A14/2022

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

(2022/C 446/06)

1. Introduzzjoni u objettivi

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ⁽¹⁾, kif ukoll fuq il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2023 tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (C(2022)5757). Il-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkopri l-perjodu bejn l-2021 u l-2027. L-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huma elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

2. Azzjonijiet

Din is-sejħa għall-proposti tkopri l-azzjonijiet li ġejjin tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:

- Proġetti ta' Volontarjat
- Timijiet ta' Volontarjat f'Oqsma ta' Prijorità Għolja
- Proġetti ta' Solidarjetà
- Tikketta tal-Kwalità għall-attivitajiet ta' volontarjat ta' solidarjetà
- Tikketta tal-Kwalità għall-volontarjat ta' għajjnuna umanitarja
- Volontarjat taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja

3. Eliġibbiltà

Kwalunkwe entità pubblika jew privata kemm jekk mingħajr skop ta' qligħ kif ukoll jekk tagħmel profitt, lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, tista' tapplika għall-finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Barra minn hekk, gruppi ta' żgħażagħ irreġistrati fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jistgħu japplikaw għall-finanzjament għal Proġetti ta' Solidarjetà.

Il-pajjiżi li ġejjin ⁽²⁾ jistgħu jieħdu sehem b'mod sħiħ fl-azzjonijiet kollha tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:

- is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej,
- il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm:
 - il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda u l-Liechtenstein,
 - il-pajjiżi kandidati tal-UE ⁽³⁾: ir-Repubblika tat-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

Barra minn hekk, ċerti azzjonijiet huma miftuħa għal entitajiet legalment stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.

⁽¹⁾ OV L 202, 8 6 2021., 32. lpp.

⁽²⁾ Entitajiet legalment stabbiliti u persuni legalment residenti f'dawn il-pajjiżi.

⁽³⁾ Soġġetti għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali.

Għal aktar dettalji dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni, jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2023.

4. Baġit u durata tal-proġetti

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa għall-proposti huwa stmat għal EUR 142 200 000.

Il-baġit totali allokat għas-sejħa għall-proposti, kif ukoll it-tqassim tiegħu, huma indikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2023 tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà adottat fit-22 ta' Awwissu 2022, u jistgħu jiġu modifikati soġġetti għal emenda tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-applikanti potenzjali huma mistiedna jikkonsultaw regolarment il-Programmi ta' Ħidma Annwali għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-emendi tagħhom, ippubblikati fuq: <https://europa.eu/youth/solidarity/organisations/reference-documents-resources>.

L-għotjiet u d-durata tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħat-tip ta' proġett u t-tipi ta' applikanti eliġibbli.

5. Data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt jistgħu jitressqu sa 12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Proġetti ta' Volontarjat	23 ta' Frar 2023
	(sessjoni fakultattiva) 4 ta' Ottubru 2023
Proġetti ta' Solidarjetà	23 ta' Frar 2023
	(sessjoni fakultattiva) 4 ta' Mejju 2023
	4 ta' Ottubru 2023

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt jistgħu jitressqu sal-17.00, ħin ta' Brussell.

Timijiet ta' Volontarjat f'Oqsma ta' Prijorità Għolja	8 ta' Frar 2023
Volontarjat taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja	3 ta' Mejju 2023

L-applikazzjonijiet għat-Tikketta tal-Kwalità jistgħu jitressqu fuq bażi kontinwa.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2023 għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar it-tressiq tal-applikazzjonijiet.

6. Dettalji kollha

Il-kundizzjonijiet fid-dettall ta' din is-sejħa għall-proposti, inkluż il-prijoritajiet, jistgħu jinstabu fil-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2023 fuq l-indirizz tal-internet li ġej: <https://europa.eu/youth/solidarity/organisations/calls-for-proposals>

Il-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2023 hija parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u għall-finanzjament li jissemmew fiha japplikaw bis-sħiħ għal din is-sejħa.